DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 89/2009

tat-3 ta' Lulju 2009

li temenda l-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 73/2009 tad-29 ta' Mejju 2009 ([1]).

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-istatistika tal-Komunità fuq is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 19/2009 tat-13 ta' Jannar 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika ta' kull tliet xhur dwar l-impjiegi battala fil-Komunità, b'rigward tad-definizzjoni ta' impjieg battal, id-data ta' referenza għall-ġbir tad-dejta, l-ispeċifikazzjonijiet għat-trażmissjoni tad-dejta u l-istudji ta' fattibbiltà ([3]) għandha tiġi nkorporata fil-Ftehim.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 20/2009 tat-13 ta' Jannar 2009 li jadotta l-ispeċifikazzjonijiet tal-modulu *ad hoc* tal-2010 dwar ir-rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja tax-xogħol u dik tal-familja, li hemm prevista bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 ([4]) għandu jiġi nkorporat fil-Ftehim.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 36/2009 tal-11 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi għall-2008 il-"lista Prodcom" ta' prodotti industrijali prevista mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3924/91 ([5]) għandu jkun inkorporat fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-Anness XXI għall-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 18y (ir-Regolament (KE) Nru 763/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"18z. **32008 R 1338**: Ir-Regolament (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-istatistika Komunitarja dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 70).

Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom, għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, jinqraw bl-adattament li ġej:

Liechtenstein hija eżentata mill-ġbir tad-dejta meħtieġa minn dan ir-Regolament, ħlief għad-dejta skont l-Anness II (kura tas-saħħa) u l-Anness III (kawżi ta' mewt)."

([1]) ĠU L 232, 3.9.2009, p. 30.
([2]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 70.
([3]) ĠU L 9, 14.1.2009, p. 3.
([4]) ĠU L 9, 14.1.2009, p. 7.
([5]) ĠU L 18, 22.1.2009, p. 1.

2. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 18va (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1062/2008):

"18vb. **32009 R 0019**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 19/2009 tat-13 ta' Jannar 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika ta' kull tliet xhur dwar l-impjiegi battala fil-Komunità, b'rigward tad-definizzjoni ta' impjieg battal, id-dati ta' referenza għall-ġbir tad-dejta, l-ispeċifikazzjonijiet għat-trażmissjoni tad-dejta u l-istudji ta' fattibbiltà (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 3)."

3. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 18an (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 377/2008):

"18ao. **32009 R 0020**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 20/2009 tat-13 ta' Jannar 2009 li jadotta l-ispeċifikazzjonijiet tal-modulu *ad hoc* tal-2010 dwar dwar ir-rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja tax-xogħol u dik tal-familja li jipprovdi għalihom ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 7)."

4. Dan il-punt li jmiss għandu jiddaħħal wara l-punt 4af (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1165/2007):

"4ag. **32009 R 0036**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 36/2009 tal-11 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi għall-2008 il-'lista Prodcom' ta' prodotti industrijali pprovduta fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3924/91 (ĠU L 18, 22.1.2009, p. 1)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nru 1338/2008, 19/2009, 20/2009 u 36/2009 fl-ilsien Iżlandiż u f'dak Norveġiż, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Supplement taż-ŻEE ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-4 ta' Lulju 2009, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment ŻEE ta' miegħu.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Lulju 2009.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Oda Helen SLETNES

(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.